Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali

# Minuti

**Data:** It-Tnejn, 17 ta' Ġunju 2019

**Post:** Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali

**Ħin:** 17:30

**Preżenti:**

Is-Sur Mario Fava – President
Dr. *Samuel Azzopardi – Viċi President*
Is-Sur Michael Fenech Adami – Membru
Is-Sur. Anthony Mifsud – Membru
Is-Sur Mark Grech – Membru
Is-Sinjura Graziella Galea – Membru

**Skużat:**
Chev Paul Farrugia – Viċi President
Is-Sur Joseph Cordina – Membru
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**

Snr. Lianne Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## 21.1 Preżentazzjoni u Approvazzjoni tal-ittri tal-Apoloġija

21.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta l-ittri ta' apoloġija mibgħutha minn Chev. Paul Farrugia, is-Sur Jesmond Aquilina u s-Sur Joseph Cordina.

21.1.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Michael Fenech Adami, l-Eżekuttiv aċċetta l-apoloġiji preżentati.

21.1.3 Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta lill-President l-ittra annessa mal-minuti u markata bħala DOK A. Permezz ta' din il-korrispondenza, is-Segretarja nfurmat lill-President li s-Sur Joseph Cordina ma attendiex għal aktar minn terz tal-laqgħat fl-ewwel sitt xhur tas-sena.

21.1.4 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Michael Fenech Adami, l-Eżekuttiv approva li l-post tal-Membru, is-Sur Joseph Cordina, m'għandux jiġi dikjarat vakant.

21.1.5 Il-President talab lis-Segretarja biex tinforma lid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali bid-deċiżjoni tal-Eżekuttiv.

## 21.2 Qari u Approvazżjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 22

21.2.1 Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 21.

21.2.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Michael Fenech Adami, l-Eżekuttiv approva l-minuti tal-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.21.

**21.3 *Punti li joħorġu mill-minuti***

**21.3.1 Sejħa għas-servizzi ta' poloz tal-Assigurazzjoni għall- Assoċjazzjoni u l-Kunsilli Lokali**

Il-President semma li l-Board tal-Evalwazzjoni għandu jikkonkludi din l-aġġudikazzjoni fil-ġimgħat li ġejjin.

**21.3.2 Eyetech**

Il-President semma li għall-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dan il-każ huwa magħluq. L-Assoċjazzjoni ser tibqa' issostni l-argumenti tagħha.

**21.3.3 Sejħa għall-offerti fuq servizz ta' Traffic Management System li titratta l-Ħruġ ta' Permessi**

Il-President semma li ser jiġi ffirmat kuntratt mal-kuntrattur fil-jiem li ġejjin. Il-President spjega li dan il-kuntratt fil-prinċipju tiegħu mhux ser ikollu l-ebda obbligu legali fuq l-Assoċjazzjoni.

**21.3.4 Skema tal-Passaport tal-Kbar – Heritage Malta**

Il-President semma li l-iskema kienet waħda ta' suċċess, fejn il-Kunsilli Lokali kollha pparteċipaw u sa issa kienu daħlu 'l fuq minn 8500 applikazzjoni.

**21.3.5 Ħruġ ta' Kuntratti Reġjonali tal-Ġbir tal-Iskart – Konsultazzjoni mis-Sindki**

Il-President reġa' fakkar lill-President Reġjonali biex jiġbru l-informazzjoni mitluba mingħand is-Sindki ta' kull Reġjun rispettiv.
Il-President semma wkoll li kienu għaddejjin laqgħat mas-Sa. Ruth Debrincat kif ukoll mal-Awtorita' tal-Artijiet sabiex tiġi esplorata l-possibbilita' li l-Kunsilli Lokali jkollhom aċċess għar-reġistru tal-Amministraturi tal-Blokok. Barra minn hekk il-president spjega wkoll li kienu saru wkoll laqgħat ma' IDENTIY Malta biex il-Kunsilli Lokali jkollhom l-indirizz postali ta' fejn qed jabitaw l-imigranti ġewwa l-lokalita' rispettiva. Semma wkoll li ser issir pressjoni fuq l-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir infurzar dwar il-*garbage room* fil-blokok ta' appartamenti.

| | |
|---|---|
| **21.3.6 Kuntratt tal-Binja tal-Uffiċini tal-Assoċjazzjoni** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni qed tistenna mil-MIP sabiex tkun tista' tiffirma l-kuntratt ta' kirja tal-parkeġġ ta' quddiem il-binja amministrattiva. |
| **21.3.7 Fondi LESA Attivitajiet Kulturali** | Il-President semma li ser issir Seminar ġewwa Malta, il-Ħamis 11 ta' Lulju u ieħor f' Għawdex, is-Sibt 13 ta' Lulju 2019. |
| **21.3.8 Ħtieġa biex jintraġġa l-ħajt tal-appoġġ ta' bejn l-AKL u l-Binja ta ' biswit** | Il-President semma li dan il-ħajt kien tranġa u l-ispejjeż inqassmu mal-kumpanija TEC li tinsab biswit il-Binja li tokkupa l-Assoċjazzjoni. |
| **21.3.9 Servizz ta' tindif għall-Uffiċini tal-Assoċjazzjoni** | Il-President semma li l-kuntratt kien iffirmat u s-servizz ser jibda minn Lulju 2019. |
| **21.3.10 Tribunal Industrijali - Kawża Isabella Testaferrata De Noto vs AKL** | Il-President semma li fuq talba li ġiet mill-parti l-oħra s-seduta li kien hemm skedata ġiet difereta għall-Ottubru 2019. |
| **21.3.11 Mental Health Awareness** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kienet qiegħda tilqa' r-reġistrazzjonijiet għall-taħriġ li parti minnu huwa ssusidjat mill-Assoċjazzjoni rigward il-Mental First Aid. |

**22.4 Laqgħa Plenarja – Ottubru 2019#**

22.4.1 Il-President semma li għall-ewwel darba huwa maħsub li l-laqgħa ssir fuq jumejn ġewwa Malta. Fuq proposta tal-President, l-Eżekuttiv qabel li l-laqgħa għandha ssir kif propost nhar il-Ġimgħa, 25 t' Ottubru u s-Sibt, 26 t' Ottubru.

22.4.3 Il-President semma li għadha qiegħda tiġi fforumlata l-Aġenda. Semma wkoll li huwa tal-ħsieb li fl-ewwel sessjoni jingħata rendikont u tgħarif fuq l-irwol tal-AKL filwaqt ukoll li jitnida materjal promozzjonali tal-Assoċjazzjoni, issir ukoll preżentazzjoni minn kull President Reġjonali fuq ix-xogħol tar-Reġjun.

22.4.4 Il-President semma li huwa tal-fehma li waqt is-sessjoni tas-Sibt jingħata taħriġ li jenfasizza governanza tajba u finanzjament ta' fondi pubbliċi lil dawk preżenti kif ukoll isiru workshops biex jikkonkludu l-laqgħa.

22.4.5 Fuq proposta tal-President, l-Eżekuttiv approva li għandu jiġi imfassal programm *fuq dawn il-binarji.*

**22.5 Laqgħa mas-Sindki u Segretarji Eżekuttivi – Fondi għall-Attivitajiet Kulturali**

22.5.1 Il-President semma li ser isiru laqgħat lis-Sindki u Segretarji Eżekuttivi biex jingħataw l-informazzjoni meħtieġa.

22.5.2 il-President semma li l-ammonti dovuti lil kull Reġjun u Kunsill Lokali huma segregati f' kont bankarju rispettiv taħt l-kappa tal-Assoċjazzjoni.

**22.6 Proposti għall-Attivitajiet matul is-Sena 2019 għas-Sindki, Kunsilliera u Segretarji Eżekuttivi**

22.6.1 Il-President semma li għall-ewwel darba hemm il-ħsieb li jsiru xi attivitajiet bl-għan li jippromovu u jsaħħu teamwork bejn il-Membri Eletti u anki l-Amministrattiv tal-Kunsilli Lokali.

22.6.2 il-President talab lis-Segretarja biex tiġbor xi proposti u anki kwotazzjonijiet.

**22.7 Kommunikazzjoni mill-President**

| | |
|---|---|
| **22.7.1 Kors għall-Kunsilliera f' Settembru** | Il-President semma li ser issir Press Conference nhar l-Erbgħa, 24 ta' Lulju biex jiġi mnidi dan it-taħriġ. Din il-Press Call ser issir b' kollaborazzjoni mal-NAO kif ukoll mad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali. |
| **22.7.2 M.Sc fil-Governanza u l-Immaniġġjar** | Il-President semma li ser issir Press Call nhar l-Erbgħa, 24 ta' Lulju biex jerġa' jiġi mnidi dan il-programm ta' taħriġ. L-mira hija li t-tieni kors jibda lejn Settembru 2019. Semma wkoll li l-Assoċjazzjoni ser tkun qed terġa' tissusidja parti mill-ispejjeż lil kull student li jkun jew Membru Elett jew ħaddiem tal-Kunsilli Lokali. |

**22.7.3 Open Travel Policy**

Il-President semma li kienet inġabret kwotazzjoni għall-open travel policy u li ġiet preżentata lill-Eżekuttiv. L-Eżekuttiv iddeċieda li għalissa din ma tinxtarax u għaldaqstant hija fir-responsabbilita' ta' kull membru li jkun kopert. Il-President semma li spejjeż li jkollha tagħmel l-Assoċjazzjoni minħabba kanċellamenti u li ma jkunux rifonduti la mill-Kummissjoni tal-Kumitatt tar-Reġjuni u lanqas mill-Aġenzija tal-Ivjaġġar, l-Assoċjazzjoni ser tkun qed toħroġ fattura lill-Membru rispettiv sabiex jagħmel tajjeb għal dawn l-ispejjeż.

**22.7.4 Ikla tas-Sajf**

Il-President propona li wara l-laqgħa tal-Eżekuttiv li jmiss, il-Membri flimkien mal-ħaddiema jattendu għall-ikla organizzata mill-Assoċjazzjoni. Fuq proposta tal-President, l-Eżekuttiv qabel li għandhom isiru l-arranġamenti neċessarji.

**22.8 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 22**

22.8.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Anthony Mifsud u Dr. Samuel Azzopardi ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-22 ta' Mejju 2019 sa l-20 ta' Ġunju 2019 li kienet tammonta għall-€39,276.39.

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali

## 21.9 Aġġornament

21.9.1 Il-Laqgħa aġġornat fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar it-Tnejn, 15 ta' Ġunju 2019 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

**Lianne Mifsud**

**Segretarju Eżekuttiv**

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.23 li nżammet nhar il-Tnejn, 15 ta' Ġunju 2019.

**Mario Fava**

**President**

Dok A

Local Government Association

20 ta' Ġunju 2019

Sur Mario Fava

President AKL

Sur President,

*Ġentilment, nixtieq ninfurmak li l-Membru tal-Eżekuttiv, is-Sur Joseph Cordina,* naqas milli jattendi għal aktar minn terz tal-Laqgħat tal-Eżekuttiv li saru fl-ewwel sitt xhur tas-sena 2019, iġifieri bejn l-10 ta' Jannar u l-20 ta' Ġunju 2019.

Għaldaqstant, l-Eżekuttiv huwa ġentilment mitlub jiddeċiedi jekk l-assenza tas-Sur Joseph Cordina kinitx għall-raġunijiet ġustifikati u għalhekk il-post tal-membru għandux jiġi dikjarat vakant.

Grazzi u tislijiet

Lianne Mifsud

Segretarju Eżekuttiv

Local Government Building,
Local Government Road,
Marsa Industrial Estate,
Marsa - MALTA.
T: +356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt